TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1867

KAZ 2538

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Paul Portelli

u

Enemalta Corporation

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 14 ta' Lulju 2008.

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'nota prezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fit-2 ta' Ottubru 2007.

It-Tribunal zamm tlett seduti.

Paul Portelli, aktar l-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Peter Fenech u ghal Enemalta Corporation, aktar il-quddiem tissejjah il-"Korporazzjoni", deher l-Avukat Andrew Borg Cardona.

Originarjament it-Tribunal, diversament presedut, kien iddecieda li :

- Galadarba l-appellant ammetta l-htija quddiem il-Qorti, d-decizjoni tal-Korporazzjoni li tinvoka l-provvedimenti ta' l-Artiklu 6.4 tal-Ftehim Kollettiv kienet korretta, izda prematura ghaliex ma stennietx l-ezitu ta' l-appel. Ukoll il-Korporazzjoni ma kelliex it-tgharif ghad-dispozizzjoni taghha biex tikkonsidra jekk il-htija kienetx tiggustifika tkeccija.
- L-appellant kellu jitqieghed fl-istat li kien qabel id-decizjoni tal-Korporazzjoni.
- L-Bord tad-Diretturi kellu jaghti lill-appellant l-opportunita jesponi d-dettalji kollha mehtiega biex jghinu jasal ghal decizjoni gusta dwar jekk il-Korporazzjoni ghandiex issostni l-piena jew le.

Jirrerzulta li l-Bord tad-Diretturi ghamel dak kollu li ordna tali Tribunal u ddecieda li jsostni l-piena.

L-appellant qed jitlob *reinstatement* ghaliex jikkontendi li l-klawsola li hemm fil-Ftehim Kollettiv, illi min jinstab hati ta reat kriminali ghandu jitkecca, fih innifsu mhux bizzejjed biex tittermina mpieg. Ukoll li mhemmx raguni gusta u sufficienti ghat-tkeccija ghaliex hu ma ghamel xejn hazin fil-konfront tal-Korporazzjoni u din ma gietx affetwata b'mod negattiv bl-agir tieghu.

Il-Korporazzjoni tikkontendi li l-appellant instab hati ta' reat kriminali ta' certa natura u ta' certu serjeta. Hi trid tissalvagwardja l-*image* taghha stess u tas-Servizz Pubbliku. Ma hix ragonevolment tenuta zzomm fl-impieg persuna li nstab hati ta' reat kriminali ta' certu serjeta, partikolarment meta mpjegati taghha necessarjament jaghmlu interazzjoni mal-pubbliku u jistghu jintbatu fid-djar tan-nies.

It-Tribunal ikkonsidra li :

- L-appellant instab hati ta' reat kriminali ta' certa natura, sensivita u serjeta ;
- L-agir u deportament ta' l-impjegati jirrifflettu fuq l-*image* tal-Korporazzjoni ;
- Il-Ftehim Kollettiv fi Klawsola 6.4 jistabbilixxi proceduri li permezz taghhom jaghti d-dritt lill-Korporazzjoni li taghti piena, inkluz dik ta' tkeccija, f'kaz li mpjegat jinstab hati ta' reat kriminali.

Jirrezulta li l-appellant ghamel u nstab hati ta' reat kriminali u l-Bord tad-Diretturi, wara li wettaq dak li ordna t-Tribunal precedenti, sostna l-piena ta' tkeccija.

Il-Klawsola 6.4 tal-Ftehim Kollettiv ma thalli ebda dubju li l-Korporazzjoni tista', jekk hekk tiddeciedi, tkecci mpjegat jekk jinstab hati ta' reat kriminali u dan jammonta ghal "*....misconduct or breach of discipline or has a direct or indirect relation to employee's duties*".

Fl-opinjoni tat-Tribunal l-att kriminali li tieghu nstab hati l-appellant jammonta ghal-*misconduct.*

Fic-cirkostanzi l-Korporazzjoni ezercitat dritt li kellha kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li l-Korporazzjoni kellha raguni tajba u sufficienti skond il-ligi biex tittermina l-impieg ta' l-appellant.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba differimenti li ntalbu mill-partijiet.

Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93.17 euro

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Segretarja